# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **28** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2011 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-7.37p.m.)<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Sandro Gatt |

### Aġenda

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 27.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* - Lulju sa Settembru 2011.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 26(1) tas-7 ta' Settembru 2011:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għal-attenzjoni tal-Kunsill li għalkemm il-minuti ta' din is-seduta kienu diġa ġew approvati fis-seduti 27, paġna 4 punt 3.6 il-ħames paragrafu għandu jinbidel u jinqara hekk:

*"Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li wara li ġie avviċinat mill-Kunsill, Dr. Joe Buhagair aċċetta li jgħin lill-Kunsill fil-kariga ta' Air Qualitty Specialist u niddiskutu miegħu 'l quddiem fuq affarijiet ta' natura finanzjarja jekk ikun il-każ".*

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-laqgħa li kellhom mal-Wasteserv kienet suċċess u dan b'ħajr lill-Dr Joe Buhagiar. Huwa kompla jgħid li anke staqsijhom jekk jistgħux jgħinuna fl-ispejjeż li jinkorpora l-ħlas ta' Dr. Joe Buhagair jekk ikun il-każ. L-analiżi ser tkun ippublikata fuq il-*website* u l-laqgħat ser jsiru kull xahrejn. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex kull minn għandu xi mistoqsijiet jippreparahom sabiex jitressqu waqt il-laqgħa li ssir mal-Wasteserv.

Huwa kompla jgħid illi fuq proposta tal-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne talba lill-Dr Joe Buhagair sabiex meta jkun possibli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill ħalli jkun jistgħa jwieġeb xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

1.1 **Laqgħa Nru 27(1) tas-11 ta' Ottubru 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 12 punt 9.1 kien hemm żball grammatiku fejn ġiet irranġata l-kelma *Aerobics*.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 2 punt 2.1 jrid jinbidel it-tielet linja u minflokk *"minn Perit ħabib tiegħu"* tiġi tinqara *"minn Perit ħabib ta' resident li joqgħod f'din it-triq"*.

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 9 punt 4.1, it-tieni paragrafu minflokk il-kelma *"rendikont"* trid tiġi *"budget"*.

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 10 punt 4.4, minflokk *"il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti"* trid tinqara *"l-Kunsill approva dawn il-pagamenti"*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk ix-xogħol imsemmi f'punt 8.5 rigward tindifa ġenerali fi Triq il-Qaliet minn quddiem il-villel sal-ġnien kienx twettaq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-kuntrattur kien ikkomunika miegħu u sa fejn jaf hu x-xogħol kien tlesta

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Abbozz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern dwar il-Pjan t'Azzjoni dwar il-bumunqar l-aħmar u *background note* – proċess ta' konsultazzjoni (35/5803/11/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jsir proċess ta' konsultazjoni u apparti l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala hemm xi Kunsilli oħra illi għandhom ammont ta' palm li jrid jsir il-bexx fuqu u anke *mass pheromone trapping*. Huwa kompla jgħid illi dan jinvolvi ħafna xogħol u anke jirrikjedi ċertu spejjeż

Is-Sindku qal illi fuq ġurnal lokali kien hemm ippublikat illi il-Gvern daħħal xi fondi mill-Unjoni Ewropeja rigward din il-problema sabiex jkun jistgħa jgħin lill dawk il-lokalitajiet li għandhom din il-problema.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li minn nformazzjoni li kiseb qallulu li dan ix-xogħol ma jsirx mingħajr ħlas.

Il-Kunsill Lokali għandu jibgħat il-ħsieb tiegħu rigward l-ispejjeż ikkonċernati minħabba l-bexx tal-palm.

3.2 **Triq Sant'Anna Marsaskala (35/5944/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera fuq il-bilanċ pendenti li hemm ma' Bonnici Brothers. Huwa kompla jispjega illi l-bilanċ huwa ta' €4400 bħala xogħol *extra* li ngħata mill-Kunsill kif ukoll il-VAT li jrid jitħallas fuq l-ammont kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien qalilhom illi meta l-Kunsill kien ta' r-rati tal-kuntrattur dawn kienu jinkludu l-VAT u għaldaqstant l-ammont tal-VAT li qed jitolbuna ma jistgħax jiġi kkunsidrat. Irrefera wkoll għal permess li kien ngħata mid-Dipatiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill seta qabbad lill-Bonnici Brothers.

Il-Kunsill qabel unanimament li niffissaw laqgħa mat-Trasport Malta, mal-Perit tal-Kunsill u ma Bonnici Brothers biex tissolva din il-kwistjoni.

3.3 **Ħsara fuq il-Vettura LCQ764 tas-Sur Marco Galea (35/5989/11/I):**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward inċident li sar fi Triq Ħaż Żabbar ftit qabel Triq il-Blajjiet fejn kien hemm tumbata u għaldaqstant kien ġarrab il-ħsara f'żewġ tyres li tammonta għal €335.99 u fid-dawl ta' dan kien qed jitlob lill-Kunsill għar-rimbors ta' din il-ħsara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitkelmu miegħu u noffrulu is-somma ta' €200.00

3.4 **Proposta mis-Sotto Kumitat tal-Kultura biex jiġi organizzat party tal-Kunsill għat-tfal minn 5 sa 12-il sena:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi għalkemm il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri mhux preżenti qiegħed jressaq dan is-suġġeriment peress li matul ix-xahar ta' Diċembru jkun hemm ħafna *parties* tat-tfal, huma wrew ix-xweqa li din is-sena il-*party* tal-Milied jsir flimkien mal-Marsaskala FC u jkun b'risk il-*Community Chest Fund*.

Il-Kunsillier is-Sur Carmen Fearne staqsiet jekk hux ser jkun b'kollaborazzjoni ma' dan il-klabb jew jekk hux ser ssir *fund raising* għal dan il-klabb.

Il-Kunsill qabel li nitolbu spjegazzjoni lill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u għaldaqstant tiġi diskussa meta jkun preżenti hu.

3.5 **Żjara ġewwa Sherbourne mis-Sur Alfred Debono, is-Sur Vince Tonna u s-Sur Joseph Checuti:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi waqt din il-laqgħa ntqal kemm huwa mportanti il-volontarjat. Huwa qal illi din is-sena hemm il-ħsieb li ssir ikla lill-anzjani li huma l-aktar bagħtuta tal-lokal tagħna, iżda bħala ikel ngħamluh aħna billi kulħadd jagħmel xi ħaġa ta' l-ikel. Huwa kompla jgħid li din l-ikla ser ssir fl-14 ta' Jannar 2012.

3.6 **Kunċert b'risq l-Istrina:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi tressqet talba lill-Arċisqof u ġiet aċċettata sabiex din is-sena l-kunċert tal-Milied isir ġol-Knisja. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sabiex jġib tlett daminġjani ħalli kull minn jgħati xi donazzjoni titpoġġa fijha. Huwa kompla jgħid li dan il-kunċert ser jsir fit-22 ta' Diċembru 2011 fis-7.00pm u l-flus li ser jinġabru ser jingħataw lill-Community Chest Fund.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-attivita` u qabel ukoll li nistiednu lill-President ta' Malta.

3.7 **Kompetizzjoni – Tiżjien tal-faċċati mad-Djar:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi bħas-snin ta' qabel, din is-sena ser terġa ssir il-kompetizzjoni tat-tiżjien tal-faċċati tad-djar.

Il-Kunsill qabel unanimament flimkien mal-premji proposti mil-istess sottokumitat li jammontaw għal €100.00.

3.8 **Presepju tal-Milied:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi din s-sena l-banda offriet illi waqt il-ftuħ tal-presepju, il-bandisti jilbsu ta' *Father Christmas*. Huwa kompla jgħid li l-presepju li kellna s-sena l-oħra, tajnih lill-Wasteserv sabiex jgħamluh ħdejn ir-Riċiklaġġ minħabba li huwa magħmul minn affarijiet riċiklati. Il-presepju li ser ngħamlu aħna ser jkun magħmlu *silhouette*.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li hija ħasra li l-presepju li kellna tajnih għaliex kieku konna nagħmluh ġo post ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa jekk dan il-presepju sellifniħx ser tajnieħ għal kollox.

Is-Sindku wieġbu li mis-sena li ġejja meta nridu nistgħu noħduh lura għalkemm xorta waħda se jiġi armat fil-lokal.

3.9 **Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA) – Nursery initiative (35/5994/11/I):**

Is-Segertarju Eżekuttiv spjega li dan il-Ministeru qed jikkonsidraw mixtla żgħira biex ikabbru siġar indiġeni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux ser joffru żerriegħa jew xitla.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbuhom iktar informazzjoni.

3.10 **Aġenzija Żgħażagħ (35/5860/11/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Aġenzija Żgħażagħ għażlet għaxart itfal minn Marsaskala u ser jsir taħriġ fuq temi differenti. Dan it-taħriġ jiswa €300 iżda l-aġenzija offriet illi l-ispiża tinqasam bejn l-aġenzija u l-Kunsill, iġifieri l-Kunsill jħallas €150. Dan it-taħriġ ser jsir ġol *premises* tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu laqgħa u li l-Kunsill jagħżel bħala kors wieħed adattat biex tiżviluppa il-kapaċita ta' tmexxija.

3.11 **Miżura 125 Gal Xlokk:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi waqt seduta 26 kienu diġa tkellmu fuq iż-żewġ postijiet proponuti sabiex issir it-triq bit-tarmak. Iż-żewġ toroq proposti kienu t-triq li tagħti mill-Kappella ta' San Gejtanu sar-Ramla u t-triq li tagħti minn Triq il-Blajjiet sal-Kappella ta' San Nikola.

Is-Sindku kompla jgħid illi l-Kunsill kien rċieva petizzjoni mill-bdiewa li jgħaddu minn t-triq li tagħti mill-Kappella ta' San Gejtanu sar-Ramla fejn ilmentaw għall-istat ħażin li tinsab fijha din it-triq.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw sabiex issir it-triq li tagħti mill-Kappella ta' San Gejtanu sar-Ramla.

3.12 **Żieda fl-Iskala tas-Sinjura Sharon Schembri:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sinjura Sharon Schembri waslet fil-quċċata ta' skala 15 u allura l-Kunsill jista` jikkunsidra li ssir promozzjoni fi skala 13 punt 3.

Il-Kunsill qabel unanimament li minn effett mill-1 ta' Diċembru 2011 l-impjegata Sharon Schembri tieħu din il-promozzjoni.

3.13 **Corrective Action report for Playing Fields as Required by MCCAA:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sur Joseph Portelli offra s-servizz tiegħu bi ħlas bħala *warranted engineer* sabiex jkun jistgħa jħejji rapport rigward il-bandli.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan huwa servizz bi ħlas u li allura b'mod dirett ma nistgħux nużaw is-servizz tiegħu.

3.12 **Żewġ appelli miftuħa kontra l-Kunsill Lokali rigward l-aġġudikazzjoni tat-tendder tal-Playing field fi Pjazza Mifsud Bonnici:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Avukat kienet ġiet il-Kunsill sabiex jiddiskutu l-appelli. Is-Sindku kompla jgħid illi wara li kien hemm l-artiklu fuq il-ġurnal *The Times*, huwa tal-fehem li l-Kunsill għandu jikteb f'dan il-ġurnal sabiex issir kjarifika.

Il-Viċi Sindku ssuġerixxa illi ngħamlu tabella fil-bandli sabiex ninfurmaw lir-residenti x'qiegħed jiġri.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir din il-kjarifika fil-ġurnal *The Times*.

3.13 **Memo 103/2011 dwar konferenza Building together Sustainable Localities (35/5899/11/(I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi din hija kontinwazzjoni tal-Festa Ġemellaġġi.

3.14 **Dawl tal-Milied:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi bħas-sena l-oħra l-Wasteserv ser terġa żżejjen minn ħdejn ir-Riċiklaġġ sa' Triq Sant'Anna.

Is-Sindku qal li jkun aħjar kieku din is-sena minflokk jżejnu Triq Sant'Anna jżejnu Triq ix-Xatt.

Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil Wasteserv dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ssuġġerit illi jkun aħjar kienu minnflokk nagħmlu l-fustun fil-passaġġ ta' Ġnien Sant'Anna ndawruh mas-siġar.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li kull sena nixtru 2 *motives* sabiex ikollna l-armar tal-Milied tagħna.

3.15 **Ikla tal-Milied:**

Is-Sindku qal lill-Kunsilliera sabiex naraw fejn ser issir l-ikla tal-Milied din is-sena u nġibu xi stimi.

3.16 **Progress fuq il-proġett ta' l-ERDF 212:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kemm it-*tender* tax-xogħolijiet kif ukoll it-*tender* għal-Perit fuq dan il-proġett inħarġu kif ukoll ħriġna l-kwotazzjoni tal-*website*. Huwa kompla jispjega kemm jinvolvi xogħol dan il-proġett u lit-tlett persuni illi ġew maħtura sabiex jiffurmaw parti mill-bord ta' l-aġġidukazzjoni kien għaddilhom kopja tat-*tender* kif ukoll l-informazzjoni kollha neċessarja.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jinforma lill-Kunsilliera illi issa fadal żewġ kwotazzjonijiet x'jinħarġu. L-ewwel kwotazzjoni sabiex tiġi iddisinjata l-*heritage map* u t-tieni kwotazzjoni għal-*printing* ta' din il-*heritage map*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu flimkien mal-membri tas-sotto kumitat tiegħu ħejjew ktieb żgħir li fih il-postijiet storiċi kolla u nformazzjoni fuq kull post storiku. Huwa kompla jgħid illi dan jistgħa jiġi bħala mappa u jintuża għal din il-*heritage map*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa illi nqabdu lill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Rebecca Micallef sabiex titulizza l-informazzjoni ta' dan il-ktieb u tifformaha bħala *Heritage map*.

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabdu lis-Sinjura Rebecca Micallef sabiex tagħmel din il-mappa u l-informazzjoni neċessarja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jitlob lill-PPCD sabiex il-flus li kien hemm allokati għad-*design* tal-*heritage map* jiġu utilizzati għal-*printing*. Huwa kompla jgħid li b'hekk inkunu qed nifrankaw ftit żmien għaliex hu diġa talab *extension* tad-*deadline* peress li qedgħin lura bix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li huwa mportanti li nżommu d-*deadline* għaliex nistgħu nitilfu l-flus.

3.17 **Ambaxxatriċi ta' Tunes:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2011 f'nofs in-nhar ġejja l-Ambaxxatriċi l-ġdida ta' Tunes sabiex tiltaqa mal-Kunsilliera u għaldaqstant huwa stieden lill-kullħadd sabiex jattendi għal din iż-żjara.

3.18 **Prodotti għat-tabelli:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri preżenta lill-Kunsill *sample* ta' prodott magħmul minn affarijiet riċiklati li jistgħu jintużaw bħala tabelli.

❖ ***Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa tal-Kunsill fis-7.15p.m***

Il-viċi Sindku ippresieda l-laqgħa.

3.19 **Donazzjoni ta' 250 planters (35/6354/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera illi l-ELC qed joffru 250 planters sabiex jitqassmu lir-residenti biex jkunu jistgħu jagħmluhom mal-gallariji u jiżergħu bi xtieli ta' l-istaġun.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nieħdu sehem f'din l-inizjattiva u jitqassmu fi Triq ix-Xatt, Triq Sant'Anna, Triq La Sengle, Triq San Gwakkin, Pjazza Dun Tarcis Aguis, Triq Santa Tereza, Triq il-Knisja, Triq il-Bużbież u Triq iż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu lill-ELC jgħidulna kemm jiswew jekk nkunu nridu iktar *planters*.

3.20 **Permessi ta' l-imwejjed u siġġijiet quddiem Ximo Snack Bar (35/6082/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-propjetarju ta' Ximo Snack Bar talab lid-Dipartiment ta' l-Artijiet permess sabiex joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem dan il-ħanut.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni.

Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li nitolbu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jerġgħu jagħmlu t-tappijiet fuq il-bankina quddiem dawk il-ħwienet li għandhom il-permess li joħroġu l-imwejjed u s-siġġijiet.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa tal-Kunsill fis-7.37p.m***

3.21 **Stima għal-kartolini tal-Milied:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kwotazzjoni sabiex nipprintjaw 1000 kartolina tal-Milied.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.21 **34u Campaign (35/6221/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fuq din il-proposta illi jkun hemm *area* fejn jinżergħu s-siġar.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li għal din l-inizjattiva ma nistgħux nsibu *area* żgħira.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel għandna nsibu *area* fejn jistgħu jinżergħu dawn is-siġar qabel ma niddeċidu li nieħdu sehem f'din l-iskema.

3.22 **Bord ta' evalwazzjoni dwar it-tender tal-Perit tal-proġett tal-Unjoni Ewropeja ERDF 212:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rridu naħtru kumitat tal-Bord għall-evalwazzjoni tat-*tender* tal-Perit tal-proġett tal-Unjoni Ewropeja ERDF 212.

Il-Kunsill qabel unanimament li għall-*Administrative criteria* naħtru lis-Sur Mark Causon, rigward *Technical Criteria* naħtru lill-Perit Aaron Abela u għar-rigward tas-settur tal-Finanzi naħtru *Accountant* li m'hemmx għalfejn ikun l-*accountant* tal-Kunsill u kien hemm qbil li nqabdu lill-*Accountant* minn Darma Consult.

3.23 **Mistoqsija Parlamentari 30308 (35/6444/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera li f'din il-mistoqsija parlamentari qedgħin jistaqsu jekk il-Kunsill għandux il-ħsieb li jagħmel *embelishment* fil-pjazzetta ta' ħdejn Triq Lorry Sant.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet u nistaqsuh jekk din l-art hux privata jew tal-Gvern.

3.24 **Proposta mis-Sottokumitat tal-Kultura biex jiġi organizzat party tal-Kunsill għat-tfal minn 5 sa 12-il sena:**

Fil-preżenza tal-Kunsilliera s-Sur Daniel Spiteri talab kjarifika fuq punt 3.4 ta' dawn il-minuti jekk il-flus li ser jinġabru hux ser jingħataw lill-Marsaskala F.C

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri wieġeb li dan kien l-għan li jsir *party* wieħed sabiex isir *fund raising* lill-Marsaskala F.C

Wara din il-kjarifika l-Kunsill qabel li dan il-*party* ma jistax jsir mal-Klabb għaliex il-flus li ser jinġabru mill-*party* tat-tfal li ser jiġi organizzat mil-Kunsill ser jgħaddu lill-*Community Chest Fund.*

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 **Pagament Nru #992:**

Il-kunsill qabel unanimament li dan il-kont jinżamm pendenti sakemm nitolbu spjegazzjoni rigward dan it-trasport.

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti l-oħra kollha.

5.0 ***Approvazzjoni tal-Quaterly Report – Lulju sa Settembru 2011.***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal ir-rapport finanzjarju (kopja mehmuża).

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab spjegazzjoni fuq in-*nominal account* # 66 tal-*general* u fuq in-*nominal account* #3061 tal-*cleaning & maintenance of parks and gardens*, fejn dan talab spjegazzjoni jekk il-figuri humiex koretti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser jivverifika mal-*Accountant* tal-Kunsill

Il-Kunsill approva unanimament il-Quaterly Report.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

6.1 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#014 – 3/11/11):**

"Fil-leġislatura ta' qabel il-Kunsill kien tħalla b'*surplus* ta' €300,000 biex jagħmel tajjeb għal bini tal-Kunsill il-ġdid. Jekk tneħħi dawn il-flus il-Kunsill tal-lum fliema qagħda finanzjarja ninstabu illum meta issa fadal l-aħħar xaharejn tas-sena 2011?"

Il-Kunsillier L Ciantar spjega li din il-mistoqsija għamilha qabel ma kien jaf li toħroġ il-quarterly report.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija tajba anke mingħajr dawk il-flus li kienu tħallew għal-bini amministrattiv tal-Kunsill, xiehda ta' dan huma l-Audited accounts u l-quaterly reports li jindikaw l-qagħda finanzjarja tajba tal-Kunsill.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#278 – 31/10/11):**

"Jipproponi sabiex quddiem il-Kappella ta' San Gejtanu fi Triq id-Daħla ta' San Tumas isiru *double Yellow lines*".

Kien hemm qbil unanimu.

7.2 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#279 – 31/10/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bankina ġdida Triq San Ġużepp k/m Triq San Luqa, din tinsab imfarka u perikoluża".*

Kien hemm qbil unanimu li ssir din il-bankina fija inqas minn 50 metru.

7.2.1 Il-Kunsillier Carmen Fearne ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li f'din it-triq msemmija fil-mozzjoni qed jkun hemm ħafna periklu minħabba t-trakkijiet li qed jaħdmu fil-kumpless ta' Monita.

7.3 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#280 – 31/10/11):</u>**

*"Jipproponi li jekk għandna fondi tal-UIF li mhux allokati għal xi proġett nitolbu għal dawl ġdid fi Triq il-Blajjiet u parti minn Triq Għaxqet l-Għajn. Parti mix-xogħol diġa tlesta".*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa li fil-parti fejn m'hemmx bankina isiru arbli tad-dawl *solar panel* jew *alternative sources.*

Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jiltaqa mal-Perit tal-Kunsill għal stima.

7.4 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#281 – 31/10/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex Triq l-Għaġuża tiġi one way biex ikun hemm iżjed parkeġġ u biex nevitaw aċċidenti peress illi l-vetturi qed jitilgħu b'veloċita` qawwija".*

Kien hemm qbil unanimu li niktbu lit-TM.

7.5 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#282 – 31/10/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex isiru tappijiet fit-toqob ta' l-arbli għax qegħdin perikolużi".*

Kien hemm qbil unanimu li nkellmu l-Kappillan minħabba li dawn jaqgħu taħt ir-responsabbilta` tiegħu.

7.6 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#283 – 2/11/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex tissewwa l-ħsara li tinstab fih is-centre strip li qeda fi Triq San Ġwakkin".*

Kien hemm qbil unanimu li jsir ix-xogħol u nqabdu l-Karmig

7.7 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#284 – 2/11/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex* tinbidel il-bankina fi Triq il-Maqsab li tinstab fi stat ħażin ħafna".

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għaliex diġa kienet tressqet mozzjoni #260.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u qal li kull meta ssir bankina aħna obbligati li nagħmlu katusa fil-bankina, kull fejn hu possibli.

7.8 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#285 – 2/11/11):</u>**

"Jipproponi sabiex *tinbidel il-bankina fi Triq il-Katakombi fejn qeda fi stat ħażin*".

Kien hemm qbil unanimu li l-banika tinbidel.

7.9 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#286 – 3/11/11):**

*"Jipproponi sabiex fi Triq l-Għawwiema isir hand rail peress illi l-bankina hija dejqa u t-triq hija wieqfa".*

Kien hemm qbil unanimu illi jsir *hand rail.*

7.10 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sinjura Carmen Fearne (#287 – 7/11/11):**

*"Tipproponi sabiex naraw kemm hawn konki tas-siġar vojta u nixtru siġar sabiex nimlewhom".*

Kien hemm qbil unanimu li jitħawlu *washingtonia robust.*

7.11 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sinjura Carmen Fearne (#288 – 7/11/11):**

*"Tipproponi sabiex tinxtara jew tinkera photocopier żgħir għaċ-Ċentru Edukattiv".*

Kien hemm qbil unanimu.

7.12 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#289 – 10/11/11):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal lampa fil-Bidni ħdejn il-kappella kif indikat fis-site-plan."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.13 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#290 – 10/11/11):**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu żewġ bozoz fi Triq il-ġdida bejn Triq il-Lampuka u Triq tal-Ħamrija (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.14 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#291 – 10/11/11):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida n-naħa ta' fuq ta' Triq San Nikola (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.15 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#292 – 10/11/11)**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq id-Dolmen (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.16 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#293 – 10/11/11):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida f'San Tumas ħdejn l-iskips tas-separazzjoni (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.17 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#294 – 11/11/11):**

*"Jipproponi sabiex isir dawl ġdid in-naħa tal-Munar (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.18 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#295 – 11/11/11):**

*"Jipproponi sabiex isiru 3 lampi fi Triq il-Maħsel fejn m'hemmx (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.19 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#296 – 11/11/11):**

*"Jipproponi sabiex fuq is-saqaf tal-latrina taż-Żonqor nagħmlu roof membrane (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu u li nġibu kwotazzjoni.

7.20 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#297 – 11/11/11):**

*"Jipproponi sabiex ngħamlu bozza fil-junction ta' ħdejn is-summer nights (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.21 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (#298 – 11/11/11):**

*"Jipproponi sabiex ngħamlu dawl adekwat fil-Bajja San Tumas qabel it-telgħa tal-Franċiż (kif indikat fis-site-plan)."*

Kien hemm qbil unanimu.

7.22 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#299 – 15/11/11):**

"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Sqaq il-Friża fir-Ramla San Tumas".

Kien hemm qbil unanimu.

7.23 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#300 – 15/11/11):**

*"Jipproponi sabiex titpoġġa skip viċin Sqaq il-Friża fir-Ramla San Tumas".*

Kien hemm qbil unanimu.

7.24 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#301 – 15/11/11):**

*"Jipproponi sabiex inwaħħlu tabelli fi Triq l-Għaġuża biex ma jħammġux għax il-post qed jintuża bħala latrina".*

Kien hemm qbil unanimu.

7.25 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#302 – 15/11/11):**

*"Jipproponi sabiex titpoġġa portable toilet fi Triq l-Għaġuża viċin il-bandli".*

Din il-mozzjoni ma ġietx approvata.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

10.0 ***Aġġornament :***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-~~10.00~~ 9.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku